MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1068/2003

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John's Garage Limited**

**Vs**

**Mark Sultana**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm222) rapprezentanti danni li sofriet meta l-konvenut kien qed isuq il-karozza BBJ 759 fis-27 ta' Mejju, 2001 f'Rahal Gdid meta dan habat mal-karozza LGY 019 proprjeta' ta' John's Garage Limited liema ncident allegatament sehh unikament b'responsabbilta' ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' parir tmintax-il lira Maltin (Lm18) u ta' Ittra Ufficjali tal-15 t'Ottubru, 2002 kontra l-

konvenut u ta’ Ittra Ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li dak li talbet is-socjeta’ attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghax l-incident stradali de quo ma kienx jahti l-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 1382 Joseph Agius, ta’ David Conti u ta’ Mark Sultana.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Il-kollizjoni in kwistjoni grat waqt li z-zewg vetturi in kwistjoni kienu qieghdin iduru mar-roundabout li hemm vicin Santa Lucija.

David Conti li kien qed isuq il-karozza ta’ l-assigurat tas-socjeta’ attrici kien gej minn Tal-Barrani Road bl-intenzjoni li wara li jdur mar-roundabout jibqa’ niezel ghad-dritt mat-triq tal-Adolorata lejn il-Marsa.  Huwa kien fuq il-lane tax-xellug u jghid li waqt kien qed idur mar-roundabout kien hemm karozza ohra li kienet fuq il-lemin tieghu li f’daqqa wahda daret biex tiehu t-triq li taghti ghal Hal Luqa u habtet go fih.

Il-konvenut ighid li huwa kien gej minn Tal-Barrani Road u qabel ma gie fuq ir-roundabout waqaf fil-lane ta’ barra (tal-lemin) u mbaghad rega’ beda jsuq bil-mod biex jiehu t-triq lejn Hal Luqa izda giet karozza minn warajh, cjoe’ dik misjuqa minn Conti u mblokkatlu triqtu biex b’hekk sehh l-incident.

Iz-zewg sewwieqa ma jaqblux dwar id-dinamika ta’ kif sehh l-incident u ghalkemm Conti jammetti li kien ra l-vettura ta’ Sultana qabel l-incident, Sultana jghid li ma rax il-karozza ta’ Conti hlief mad-daqqa.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Highway Code li jirregola d-dixxiplina tas-sewwieqa fit-triq u apparti l-enfasi generali li kull sewwieq ghandu jzomm *a proper lookout* u anke jekk ghandu r-*right of way*, xorta jrid juri konsiderazzjoni ghas-sewwieqa l-ohra.

Fir-rigward tar-roundabout huwa rakkomandat illi fejn it-triq li taghti ghar-roundabout ikun fiha aktar minn *lane* wahda, s-sewwieq ghandu jaghzel il-*lane* adatt li jirrifletti l-eventwali triq li jrid jaqbad. Hekk per ezempju jekk sewwieq irid jiehu l-ewwel *turning* lejn ix-xellug huwa ndikat li jzomm il-lane tax-xellug u mill-banda l-ohra, jekk wiehed bi hsiebu jiehu l-ahhar *turning*, huwa ndikat li jzomm il-lane tal-lemin. L-ideja hi illi fil-mument li l-vetturi jkunu qed iduru mar-roundabout ma jissalbux quddiem xulxin. *Vide Reg 221 – 226*.

Il-gwida vizwali fl-istess Highway Code jindika b'mod grafiku t-trajettorja idejali li s-sewwieqa ghandhom isegwu.



Fil-kaz odjern it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kawza prossima principali tal-kollizjoni u l-konsegwenti responsabbilta' ghall-incident huwa l-fatt li qabel ma qabad ir-roundabout, il-konvenut ma kienx fil-karreggjata korretta. Huwa kien intenzjonat illi jaqbad l-ewwel *turning to the left*, jigifieri jiehu t-triq li taghti ghal Hal Luqa u ghalhekk ma missux kien qieghed fl-*outer lane* izda missu kien qieghed fl-*inner lane*. Dan in-nuqqas huwa aktar accentwat mill-fatt illi huwa kien konxju illi fl-*inner lane* kien hemm karozzi ohrajn u ghalhekk kien jaf illi f'xi hin jew iehor kien ser ikollu jittraversa l-karreggjata taghhom.

Il-konvenut ighid illi meta huwa beda jsuq mar-roundbout kien qed isuq bil-mod u li ma kienx hemm traffiku iehor gej. Kieku verament kien hekk, kif jista' jispjega li gara l-incident? Huwa jghid illi l-karozza misjuqa minn Conti giet ghall-gharrieda minn warajh izda fil-fatt, jekk wiehed jara fejn gew subiti l-hsarat fil-vetturi rispettivi u tenut kont tal-fatt illi l-hsara fil-karozza ta' Conti kienet ezatt fiz-zaqq tal-genb, mentri dik ta' Sultana kien fix-xewka ta' quddiem tax-xellug, jindika illi kien Sultana li dahal fil-vettura ta' Conti. Il-fatt li Sultana ma rax il-vettura ta' Conti juri wkoll illi apparti li ma kienx fil-*proper lane*, ma kienx qed izomm *a proper lookout*, liema *lookout* kellu jkun ta' grad aktar gholi tenut kont illi huwa kien konxju li ma kienx qieghed fil-*lane* gust u li fin-naha tax-xellug tieghu kien hemm it-traffiku li ried jittraversa.

Ghar-rigward tas-sewqan ta' Conti, b'referenza ghall-Highway Code msemmi u ghall-gwida vizwali kontenuta fl-istess Highway Code, hu kien qieghed gol-lane korrett. Huwa kien konxju tat-traffiku li hemm madwaru, huwa kien jaf li fuq in-naha tal-lemin tieghu kien hemm il-karozza misjuqa mill-konvenut u ma kien hemm ebda raguni ghalfejn kellu jissuspetta illi din il-karozza f'daqqa wahda kienet ser taghmel manuvra biex tbiddel il-vija taghha u tikser lejn it-triq ta' Hal Luqa.

Wiehed irid jiftakar illi f'roundabout mhuwiex normali illi karozza ccedi ghall-ohra u normalment, jekk il-karozzi jkunu fil-lanes korretti taghhom, it-traffiku jimxi b'mod regolari u kostanti. Huwa mportanti li l-flow fuq

roundabout ma jigix interott ghaliex b'jekk jintilef l-iskop tar-roundabout. Jekk hemm karozza li ghandha tieqaf u ccedi, ghandha taghmel dan qabel ma taqbad il-karreggjata madwar ir-roundabout.

Galadarba l-konvenut ma kienx fil-karreggjata idoneja, qabel ma jittraversa l-karreggjata fix-xellug tieghu kellu jkun cert li jista' jaghmel hekk minghajr ma johloq incident. Mhux talli ma kienx cert talli l-anqas biss induna li kien hemm karozza magenbu.

Ghar-rigward ta' l-ammont ta' danni, dawn ma gewx kontestati kif jirrizulta mill-verbal tas-6 ta' Mejju, 2004 izda t-Tribunal jirrileva illi ma gew prodotti ebda dokumenti biex jikkoroboraw it-talba ghall-hlas tas-somma ta' tmintax-il lira Maltin (Lm18) ta' parir u ghalhekk dawn mhux ser jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni grat unikament tort tal-konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm222) kif ukoll l-ispejjez tal-kawza u ta' l-Ittri Ufficjali tat-18 t'Ottubru, 2002 u dik prezentata kontestwalment mal-prezentata tal-kawza u bl-interessi mis-6 ta' Gunju, 2003 (data tan-notifika ta' l-Avviz) kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------